# XEWQAT

**Ta' Francis P. Mifsud**
*Lil G. Galea, rumanzier*

L-isbaħ Xewqat
ta' hieni l-Milied
u tal-festa t-tajba
lilek nagħti
l-aqwa rumanzier
li għiritna rat,
u int
ktibt u ġrajjet Malta
għollejt,
fi żmien ikrah fakkart
tal-ħakma fewdali,
u tal-Qajd ta' Tunes il-miġja,
imbagħad lil San Ġwann faħħart
u lil Ġilormu li bnieh,
mal-medda tas-snin
gwerra dinjija faqqgħet
u ġrajjietha fakkart
b'demm il-Malti.
u bħala avventurier
fakkart żmien tal-baħar il furbani,
u bl-Italja magħquda
u ta' l-Itaja l-ġibda lejna
fuq tal-partiti l-bidu ktibt,
fuq prima donna
u tat-teatru l-ħruq,
u fl-aħħar
żejjint tal-proża d-damma
bi żmien il-Kavalieri, l-Franċiżi u l-Ingliżi,
u lill-Malti għollejt
lill-Malti l-ilsien
lill-Malti l-ġens.



# DAN IL-PROGRAMMM

**Ta' Oliver Friggieri.**

Met' għad naraw id-dwal ta' fuq ix-xefaq
jintfew bil-mod wara xulxin u aħna
nibqgħu inħarsu mingħajr sens madwarna
fid-dlam ta' din ix-xmara b'ilma qiegħed, ...
Met' għad nisimgħu l-aħħar żiffa tonfoħ
għalxejn ġo ħalqna w il-kordi vokali
jinbarxu biex nokorbu flok nitkellmu, ...
Met' għad jitbiegħdu minna l-ħsejjes qodma
u nidħlu nkiss inkiss f'deżert komuni
ta' folol li jiftiehmu bis-sinjali, ...
Met' għad nixtiequ l-ġmiel ta' mara sħuna
biex tqabbad fina n-nar ta' ftit sekondi,
u nkunu ksaħna daqs l-irħam ta' qabar, ...
Met' għad inħarsu miblugħin fil-mera
u ma nħobbux il-wiċċ ta' mitt tikmixa, ...

Ikun intemm dan il-Programm sa fl-aħħar,
u mbagħad ħaġa ħafifa għalina nimxu
b'rasna baxxuta 'l barra mit-teatru.

---

# ERĠ'IBDA GĦIDLI L-ĦREJJEF

**Ta' Oliver Friggieri.**

Erġ' ibda għidli l-ħrejjef li fl-imgħoddi,
bejn dell u ieħor ħdejn id-dawl tal-lampa,
ma kienu jieqfu qatt, mamá, minn fommok,
waqt l' inti ddur mal-kamra biex tifrixli
u d-dell ta' surtek sewda jiġri miegħi
ma' tul l-erba' ħitan, u jikber dejjem
bħan-nies tal-ħrejjef ħdejn iċ-ċokon tiegħi.

Erġ' ibda, ma, iżda tgħidlix il-ħrafa
ta' dak it-tifel ċkejken li llum kiber,
għax nafha sewwa.